# <u>Ittra Uffiċjali</u>

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum ta' Frar 2023

Lil: Isem tal-Kumpannija/persuna lil min qed tintbgħat l-ittra (ID Card/C Number)
Indirizz

Bil-preżenti ittra uffiċjali, il-mittenti (isem ta' min qed jibgħat l-ittra) (ID Card/C Number) ta' (indirizz ta' min qed jibgħat l-ittra), tinterpellakom sabiex fi żmien mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, intom tħallsu s-somma ta' (l-ammont dovut – fi kliem) (€XXXX) rappreżentanti ħlas għal (raġuni għalfejn l-ammont huwa dovut eż, servizzi professjonali reżi lilkom), u dan kif jidher fl-*istatement* hawn anness u mmarkat Dok A.

F'każ li tonqsu milli tagħmlu dan, għandkom tkunu infurmati illi ser jittieħdu passi ulterjuri fil-konfront tagħkom mill-mittenti, inkluż bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi, mingħajr l-ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż ta' din l-ittra u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

# Risposta għall-Ittra Uffiċjali

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum ta' Frar 2023

Lil: Isem tal-Kumpannija/persuna lil min qed tintbgħat l-ittra (ID Card/C Number)
Indirizz

Permezz tal-preżenti ittra risponsiva, (isem ta' min qed iwieġeb) filwaqt li jagħmlu referenza għall-ittra uffiċjali tiegħek numru (numru tal-ittra li qed twieġeb għaliha skont ir-*records* tar-Reġistru tal-Qorti) datata (data tal-ittra li qed twieġeb għaliha), jinfurmawk li qed jirrespinġu l-pretensjonijiet tiegħek hekk kif dedotti fl-imsemmija ittra uffiċjali u dan *stante* illi (raġuni għalfejn qed tiċħad il-pretensjonijiet ta' min bgħatlek l-ittra).

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż.

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

# Ittra Uffiċjali 166A

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.

Inti tista' twieġeb din l-ittra billi tippreżenta nota fl-atti ta' din l-ittra uffiċjali li fiha tirrespinġi t-talba, liema nota tista' tiġi ffirmata u ippreżentata l-Qorti minnek stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali.

Illum ta' Marzu 2021

Lil: Isem tal-Kumpannija/persuna lil min qed tintbgħat l-ittra (ID Card/C Number)
Indirizz

Bil-preżenti ittra uffiċjali, s-soċjeta' mittenti (isem ta' min qed jibgħat l-ittra) (ID Card/C Number) ta' (indirizz ta' min qed jibgħat l-ittra), tinterpellak sabiex immedjatament inti tħallas is-somma ta' (l-ammont dovut – fi kliem) (€XXXX), rappreżentanti ħlas dovut minnek għal (raġuni) u dan kif aħjar spjegat fid-dikjarazzjoni ta' fatti hawn annessa bħala Dok A.

Minkejja li int ġejt interpellat biex tersaq għall-ħlas fl-ammont suċitat, int bqajt inadempjenti.

Illi s-somma totali ta' (l-ammont dovut – fi kliem) (€XXXX), hija ċerta, likwida u dovuta.

Għandek tkun infurmat li jekk tonqos milli tippreżenta risposta respintiva permezz ta' nota fl-atti ta' din l-ittra entro t-terminu hawn fuq indikat ta' tletin (30) jum, kif stabbilit bil-liġi, s-soċjeta' mittenti tirriżerva d-dritt li tipproċedi ulterjorment fil-konfront tiegħek, inkluż bil-ħruġ ta' mandati opportuni skont il-liġi, u dan mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Il-fatti hawn fuq dikjarati qiegħdin jiġu maħlufa minn (isem ta' min se jieħu l-ġurament), detentur tal-Karta tal-Identita' numru (ID no.), fil-kapaċita' tiegħu ta' (irwol tal-persuna f'każ li tkun kumpannija) tas-soċjeta' mittenti.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda ssir bla preġudizzju għal kwalunkwe ammont ieħor li tavolta jista' jkun dovut minnek lis-soċjeta' mittenti.

Bl-ispejjeż tal-preżenti ittra uffiċjali u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv tas-somma kollha pretiża.

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

EŻEMPJU TA’ DIKJARAZZJONI TA’ FATTI MA’ 166A

Dok A

Dikjarazzjoni ta’ Fatti

1. Illi s-soċjeta’ mittenti hija ditta tal-Periti li tipprovdi servizzi ta’ arkitettura;

2. Illi s-soċjeta’ mittenti ġiet mqabbda mill-intimat sabiex tipprovdi servizzi professjonali in konnessjoni mal-iżvilupp ġewwa (indirizz)

3. Illi għas-servizzi professjonali tagħha, s-soċjeta’ mittenti ħarġet fattura fl-ammont totali ta’ (ammont – fi kliem) (€XXXX) (vide l-fattura hawn annessa u mmarkata Dok B);

4. Illi minkejja li s-soċjeta’ mittenti interpellat lill-intimat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont dovut minnu, hu baqa’ inadempjenti;

5. Illi l-intimat għandu iħallas ukoll l-ispejjeż tal-preżenti u l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv;

6. Illi għalhekk kellhom jinbdew dawn il-proċeduri;

# <u>Nota ta’ Oppożizzjoni</u>

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Nru XX/XXXX ippreżentata taħt l-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-ismijiet:

AB (ID)

*vs*

CD (ID)

Nota ta’ CD (isem ta’ min qed jagħmel in-nota u ID)

Illi permezz tagħha qed tirrespinġi l-pretensjonijiet ta’ (dettalji ta’ min ippreżenta l-ittra uffiċjali 166A) kif dedotti fl-ittra uffiċjali fl-ismijiet fuq premessi, *stante* li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż.

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

# Protest Ġudizzjarju

FiL-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

AB (ID)

Vs

CD (ID)

Protest Ġudizzjarju ta' AB (ID)

Jesponi bir-rispett:

(Fatti - numerati)

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, filwaqt li l-protestant qiegħed permezz ta' dan il-protest, iġib l-premess a formali konjizzjoni tal-protestata, jipprotesta ruħu formalment kontra l-protestata u jpoġġiha in *dolo, mora et culpa* għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Il-protestant qiegħed ukoll permezz ta' dan il-protest jirriserva id-drittijiet kollha tiegħu fir-rigward tal-protestata.

Bl-ispejjeż.

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

Protestant: (Indirizz ta' min qed jibgħat il-protest)
Notifika: (Indirizz ta' dak li kontra tiegħu qed isir il-protest)

# Kontro-Protest

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Wara l-Protest bin-numru (XX/XXXX) ippreżentat (data tal-protest) fl-ismijiet:

AB (ID)

Vs

CD (ID)

Kontro-Protest ta' CD (ID)

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-allegazzjonijiet tal-protestant, kif diretti fil-konfront tal-protestata (isem ta' min qed jagħmel il-kontro-protest) permezz ta' protest ġudizzjarju numru (XX/XXXX) fl-ismijiet premessi, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan senjatament, iżda mhux limitatament, għas-segwenti raġunijiet:

2. (Raġunijiet għalfejn l-allegazzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt)

GĦALDAQSTANT l-protestata (isem ta' min qed jagħmel il-kontro-protest), filwaqt li ġġib il-premess a formali konjizzjoni tal-protestant, tikkontro-protesta ruħha kontra l-protestant u tirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tiegħu kontenuti fl-imsemmi protest.

Bl-ispejjeż.

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

Protestata: (Indirizz ta' min qed jagħmel il-kontro-protest)

Protestat: (Indirizz ta' min għamel il-protest li qed twieġeb għalih)

# Rikors Ġuramentat

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

---

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċioe', minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, l-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu jgħid fil-kawża.

---

Rikors Ġuramentat ta'

AB (ID)

-vs-

CD (ID)

Rikors Ġuramentat ta' AB (ID)

*Jesponi bir-rispett u (isem ta' min se jieħu l-ġurament u ID) bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti, li hu jaf bihom personalment JEW Jesponi bir-rispett u (isem ta' min se jieħu l-ġurament u ID) għan-nom u in rappreżentanza ta' (isem il-kumpannija li qed jirrappreżenta), kif debitament awtorizzat, bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti, li hu jaf bihom personalment:*

1. Fatti u r-raġuni għat-talba

2. Talbiet

EZEMPJU TAT-TALBIET

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

(i) Tiddikjara lil CD responsabbli għall-inċident tal-1 ta' Diċembru 2022;

(ii) Tiddikjara li r-rikrorenti sofrew danni fl-ammont ta' (l-ammont dovut – fi kliem) (€XXXX) jew kwalunkwe somma verjuri/ JEW/ tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, bl-opera ta' perit nominandi;

(iii) Tikundanna u/jew torna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' (l-ammont dovut – fi kliem) (€XXXX) jew kwalunkwe somma verjuri /JEW/ l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali XX/XXXX u, bl-imgħax legali dovut sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-intimat, minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

Rikorrenti: (Indirizz ta' min qed jippreżenta r-rikors ġuramentat)
Notifika: (Indirizz tal-konvenut/intimat – li kontrih qed tinfetaħ il-kawża)

Lista ta’ Xhieda

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

Rikorrenti: (Indirizz ta’ min qed jippreżenta r-rikors ġuramentat)
Notifika: (Indirizz tal-konvenut/intimat – li kontrih qed tinfetaħ il-kawża)

Lista ta' Dokumenti

Av. (isem tal-Avukat)          P.L (isem tal-PL)
Indirizz tal-Avukat

| | |
|---|---|
| Rikorrenti: | (Indirizz ta' min qed jippreżenta r-rikors ġuramentat) |
| Notifika: | (Indirizz tal-konvenut/intimat – li kontrih qed tinfetaħ il-kawża) |

# <u>Risposta Ġuramentata u Kontro Talba</u>

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-Atti tal-Kawża numru XX/XXXX, fl-ismijiet:

AB (ID)

-vs-

CD (ID)

Risposta Ġuramentata tal-intimat CD (ID) /JEW/ Risposta Ġuramentata u Kontro-Talba tal-intimat CD (ID)

*Jeċepixxi bir-rispett u (isem tal-intimat) (ID), bil-Malti u bil-ġurament jikkonferma s-sewgenti fatti kif jaf bihom personalment:*

(i) Eċċezzjonijiet preliminari eżempju – preskrizzjoni, nuqqas ta' ġurisdizzjoni, pretensjonijiet infondati fil-fatt u fid-dritt;

(ii) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż.

*Dikjarazzjoni ta' Fatti skont l-Artikolu 158(3)(c) ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1. Fatti

2. Jekk hemm kontro-talba, tindika li qed tippreżenta kontro-talba.

Għaldaqstant u in vista ta’ dak eċċepit, l-intimat umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad t-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

Intimat: (Indirizz ta’ min qed jippreżenta r-risposta)
Notifika: (Indirizz tar-rikorrenti)

Lista ta' Xhieda

Av. (isem tal-Avukat) P.L (isem tal-PL)
Indirizz tal-Avukat

Intimat: (Indirizz ta' min qed jippreżenta r-risposta)
Notifika: (Indirizz tar-rikorrenti)

Lista ta' Dokumenti

Av. (isem tal-Avukat)  P.L (isem tal-PL)
Indirizz tal-Avukat

Intimat: (Indirizz ta' min qed jippreżenta r-risposta)
Notifika: (Indirizz tar-rikorrenti)

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċioe', minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, l-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu jgħid fil-kawża.

AB (ID)

-vs-

CD ID)

Kontro-Talba Ġuramentata ta' CD (ID)

*Jesponi bir-rispett u (isem ta' min se jieħu l-ġurament u ID) bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti, li hu jaf bihom personalment JEW Jesponi bir-rispett u (isem ta' min se jieħu l-ġurament u ID) għan-nom u in rappreżentanza ta' (isem il-kumpannija li qed jirrappreżenta), kif debitament awtorizzat, bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti, li hu jaf bihom personalment:*

3. Fatti
4. Ir-raġuni għat-talba
5. Talbiet

EZEMPJU TAT-TALBIET

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

(iv) Tiddikjara lil CD responsabbli għall-inċident tal-1 ta' Diċembru 2022;

(v) Tiddikjara li r-rikrorenti sofrew danni fl-ammont ta' (l-ammont dovut – fi kliem) (€XXXX) jew kwalunkwe somma verjuri/ JEW/ tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, bl-opera ta' perit nominandi;

(vi) Tikundanna u/jew torna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' (l-ammont dovut – fi kliem) (€XXXX) jew kwalunkwe somma verjuri /JEW/ l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittri uffiċjali XX/XXXX u, bl-imgħax legali dovut sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-intimat, minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Av. (isem tal-Avukat)<br>
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

| | |
|---|---|
| Konvenut Rikonvenzjonant: | (Indirizz ta' min qed jippreżenta l-kontro-talba) |
| Attur Rikonvenzjonat: | (Indirizz ta' kontra min qed tiġi preżentata l-kontro-talba) |

Lista ta' Xhieda

Av. (isem tal-Avukat) P.L (isem tal-PL)
Indirizz tal-Avukat

| | |
|---|---|
| Rikonvenzjonant: | (Indirizz ta' min qed jippreżenta l-kontro-talba) |
| Notifika Rikonvenzjonat: | (Indirizz ta' kontra min qed tiġi preżentata l-kontro-talba) |

Lista ta’ Dokumenti

Av. (isem tal-Avukat) P.L (isem tal-PL)
Indirizz tal-Avukat

| | |
|---|---|
| Rikonvenzjonant: | (Indirizz ta’ min qed jippreżenta l-kontro-talba) |
| Notifika Rikonvenzjonat: | (Indirizz ta’ kontra min qed tiġi preżentata l-kontro-talba) |

# Rikors Ġuramentat - Giljottina

Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

~~Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċioe minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti deċiżjoni skond il-liġi.~~

~~Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu x'jgħid fil-kawża.~~

Ordni a tenur tal-artikolu 167(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta inti għandek tidher quddiem il-Qorti hawn fuq indikata fil-jum u l-ħin li jiġu mogħtija u innotifikati lilek.

Rikors Ġuramentat ta'

AB (ID)

Vs.

CD (ID)

Rikors ġuramentat ta' AB (ID)

*Tesponi bir-rispett u (isem ta' min se jieħu l-ġurament) (ID) bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti kif jaf bihom personalment:*

1. Fatti

2. Raġuni tat-talba

3. Illi dan l-ammont ta' (ammont – fi kliem) (€XXXX) huwa ċert, likwidu u dovut;

4. Illi sa fejn jaf ir-rikorrenti, l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet tal-istess rikorrenti, u għalhekk jeżistu r-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipproċedi għad-deċiżjoni bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 ta' Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Talbiet

GĦALDAQSTANT, ir-rikorrenti jitlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet fuq premessi:

(i) Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 ta' Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikjara lill-intimat debitur tar-rikorrenti fl-ammont (ammont – kliem) (€XXXX);

(iii) Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' (ammont – kliem) (€XXXX);

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dovut sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Av. (isem tal-Avukat) P.L (isem tal-PL)
Indirizz tal-Avukat

Rikorrenti: (Indirizz ta' min qed jippreżenta r-rikors)
Notifika: (Indirizz tal-intimat)

<u>Lista ta' Xhieda</u>

Av. (isem tal-Avukat) P.L (isem tal-PL)
Indirizz tal-Avukat

| | |
|---|---|
| Rikorrenti: | (Indirizz ta' min qed jippreżenta r-rikors) |
| Notifika: | (Indirizz tal-intimat) |

Lista ta’ Dokumenti

Av. (isem tal-Avukat) P.L (isem tal-PL)
Indirizz tal-Avukat

Rikorrenti: (Indirizz ta’ min qed jippreżenta r-rikors)
Notifika: (Indirizz tal-intimat)

Avviż Numru | | Illum
---|---|---
| | Ippreżentat

Ħruġ
Notif
Esek
Reġ

Reġistratur

## Qorti Tal-Maġistrati (Malta)

~~Qorti Tal-Magistrati (Għawdex)~~

### RIKORS

**Lil:**

**(Isem tal-konvenut, ID Card u indirizz)**

**B'dan inti imsejjaħ tidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija**

**Fi fi- , biex twieġeb**

**Għat-talba ta':** **(isem tal-attur, ID Card u indirizz)**

u tgħid il-għaliex m'għandekx tiġi kkundannata tħallas is-somma totali ta' _______________ (€_______), rappreżentanti (fatti).

Bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Av. (isem tal-Avukat) P.L (isem tal-PL)

Indirizz tal-Avukat

**Jekk tonqos li tidher fil-jum u siegħa hawn fuq imsemmijin, il-Qorti tiddeċiedi skond il-Liġi.**

**Maħruġ**

**Reġistratur**

# Rikors tal-Appell

Fil-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)

Rikors Ġuramentat numru XX/XXX

AB (ID)

Vs

CD (ID)

Deċiżjoni: (Data tas-sentenza appellata)

Rikors tal-Appell ta' (isem il-persuna li qed jappella u ID)

Tesponi bir-rispett:

1. Fatti

2. It-talbiet u l-eċċezzjonijiet quddiem l-ewwel qorti

3. Is-sentenza appellata

4. L-aggravji (raġunijiet għalfejn mhux taqbel mas-sentenza u kif kellha tiġi deċiża fl-opinjoni tal-appellant)

5. Talba

EZEMPJU TA' TALBA

GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet u aggravji suesposti, filwaqt li ssir referenza għall-provi prodotti u ssir riżerva għall-produzzjoni ta' provi

ulterjuri jekk ammissibbli skond il-liġi, l-appellanti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tħassar is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ta' (data tas-sentenza appellata) fl-ismijiet fuq citati u minflok, tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti u tiċħad it-talbiet kollha tal-appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellata.

Av. (isem tal-Avukat)
Indirizz tal-Avukat

P.L (isem tal-PL)

Appellant: (Indirizz ta' min qed jippreżenta l-appell)

Appellat (notifika): (Indirizz tal-appellat – kontra min qed isir l-appell)

# <u>Risposta tal-Appell</u>

Fil-Qorti tal-Appell (Superjuri)

Rikors tal-Appell Nru XX/XXXX

AB (ID)

Vs

CD (ID)

Deċiża (data tas-sentenza appellata)

Risposta tal-Appell ta' (isem ta' min qed jippreżenta r-risposta) (ID)

*Tesponi bir-rispett:*

1. Fatti
2. It-talbiet u l-eċċezzjonijiet quddiem l-ewwel qorti
3. Is-sentenza appellata
4. Raġunijiet għalfejn ma taqbilx mal-aggravji
5. Talba

EZEMPJU TA' TALBA

Għalhekk, għar-raġunijiet pretiżi u filwaqt li tagħmel referenza għall-provi kollha prodotti u produċibbli f'dan l-istadju ta' appell, is-soċjeta' appellata umiliment tissottometti li l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu u d-deċiżjoni ta' (data tas-sentenza) mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Soċjeta appellata: (indirizz ta' min qed jippreżenta r-risposta)

Notifika: (indirizz ta' min għamel l-appell jew l-avukat tiegħu)